Fit-Tribunal Industrijali

Fil-Kwistjoni tax-xoghol Nru 1798/JB bejn Irene Bugeja u Vassallo Builders Group Ltd dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ingusta.

Illum 13 ta' Lulju tas-sena 2006.

Decizjoni nru 1794

Chairmain. Avukat Dr Joseph P Bonnici.

Introduzzjoni

Illi b`dikjarazzjoni pprezentata fil-25 ta` Awissu tas-sena 2003 l-appellanti talbet lill dan it-Tribunal sabiex jiddikjara li l-impjieg minn mas-societa intimata gie terminat ghal ragunijiet ingusti u ghaldaqstant talbet kumpens ghall-istess tkeccija.

Da parti taghha s-societa intimata b`risposta prezentata fit-30 ta` Ottubru tas-sena 2003, hija cahdet dak allegat mill-appellanti, anzi allegat illi l-istess appellanti meta kienet impjegata maghha naqset li tirrapporta ghax-xoghol u b`hekk kienet giet konsidrata li irrizenjat mill-istess impjieg taghha.

Fatti

Illi l-appellanti kienet giet impjegata mis-societa intimata b`kuntratt ta` xoghol indefinit datat 15 ta` Mejju tas-sena 2001, b`effett mill-10 ta` Mejju ta` l-istess sena. Dina fil-kariga ta` "Personal Assistant to the Chairman".

Fl-istess kuntratt ma` jirrizulta xejn dwar kif kellu jissucciedi xi terminazzjoni mill-impjieg ghal kwalunkwe raguni. Irrizulta mil-provi prodotti mis-societa intimata illi f`mument partikolari wara xi

zmien li kienet impjegata, ic-Chairman tal-kumpanija ma kienx aktar kuntent bil-"performance" ta` l-istess appellanti u di fatti minn xi xhur qabel giet impjegata terza persuna. Fit-30 ta` April tas-sena 2003, hija giet informata li l-impjieg taghha gie terminat ghar-raguni li ma kinitx tajba ghax-xoghol u di fatti anki l-formola tat-terminazzjoni ta` l-impjieg giet mimlija f`dan is-sens.

Jirrizulta pero illi kien hemm ripensament tal-kumpanija wara li il-Human Resources Manager kellem lill-istess Chairman u dina giet mitluba li terga tirritorna ghax-xoghol. Haga li l-appellanti naqset li taghmel u ghalhekk dan il-kaz spicca quddiem it-Tribunal ghal-konsiderazzjoni tieghu.

Konsiderazzjonijiet

Illi jirrizulta mix-xhieda mghotija u dokumenti prodotti quddiem dan it-tribunal illi il-partijiet jaqblu fuq is-sekwenza tal-fatti. Pero ovvjament una volta li din il-vertenza spiccat quddiem ghad-decizjoni tieghu, jirrizulta illi qed tinghata interpretazzjoni differenti tal-konsegwenzi ta` l-atti u/jew ommisjonijiet da parti jew ohra taz-zewg partijiet kontendenti f`dawn il-proceduri.

Minn naha wahda l-apellanti una volta rin l-faccata bid-dokument tat-terminazzjoni ta` l-impjieg tat-30 ta` April tas-sena 2003 allura hi kkonsiderat ruhha bhala li giet imkeccija mix-xoghol taghha. Min-naha l-ohra is-societa intimata, tikkonsidra illi una volta kien hemm ripensament u regghet giet mitluba tirritorna x-xoghol u l-appellanti naqset li taderixxi ruhha allura giet ikkunsidrata li irrizenjat mill-impjieg taghha minn mas-societa intimata. Aktar u aktar meta kien hemm ripensament dwar l-appellanti kelliex tibqa' mpjegata mas-societa intimata jew le.

Jirrizulta illi skond ix-xhieda tac-Chairman, l-appellanti ma ssodisfatx il-kriterji taghhom li tkun tajba ghax-xoghol kif minnhom ritenut f`dawk ic-cirkostanzi u allura ma kienx hemm lok aktar ghaliha fl-organizzazjoni taghhom.

Il-fatti u incidenti kif riportati mis-societa intimata specjalment waqt ix-xhieda tac-Chairman, gew ribattuti altament mill-istess appellanti fix-xhieda minnha mghotija.

Illi hu principju stabbilit tul il-kors taz-zminijiet minn dawn it-Tribunali illi una volta hija s-societa intimata li tallega illi t-tkeccija kienet saret ghal wahda gusta, allura l-oneru tal-prova jigi rivertit fuqha biex tissana dik il-kawza gusta. A kuntrarju fil-kamp civili l-onus probandi in cumbit li qui dicit non ei qui negat.

It-Tribunal huwa ta` l-opinjoni illi f`dan il-kuntest is-societa intimata naqset li tipprova li l-istess appellanti kienet mankanti fl-esekuzzjoni tad-doveri lilha mghotija mis-societa intimata. Aktar u aktar meta qabel ma ssiefer l-istess Chairman, dana kien ta struzzjonijiet lill-Human Resources Manager ta` l-istess societa intimata biex jittermina l-impjieg taghha u di fatti hija giet ordnata u aderiet illi tikkonsenja il-propjeta kollha li kellha fil-pussess taghha, u ta` liema giet moghtija ricevuta.

L-istess Human Resources Manager kien mela l-formola tat-terminazzjoni ta` l-impjieg pero ma lahaqx ipprezenta lill-ETC qabel ma jkollu l-approvazzjoni ultima ta` l-istess Chairman. Il-crux tas-soluzzjoni ta` din il-vertenza huwa ezattament f`din ic-cirkostanza ossia jekk una volta il-principal ittermina l-impjieg ta` l-impjegat tieghu u l-impjegat jaghti x`jifhem li jaccetta t-terminazzjoni jistax f`dak il-lok, il-principal jistax ikollu ripensament u f`kas li l-impjegat ma jaccettax il-kambjament tad-decizjoni tal-principal jistax jigi interpretat bhala li abbanduna x-xoghol u/jew ta ir-rizenja tieghu.

Jigi rilevat abinitio illi fl-ebda mument ma gie pruvat illi l-appellanti f`xi mument minnhom, cahdet li taccetta t-terminazzjoni u/jew illi tat x`tifhem li irrizenjat ghax-xoghol, meta ma rritornatx lura ghax-xoghol ancorche illi hija kellha t-terminazzjoni tal-impjieg mill-istess principal.

Is-societa intimata ghamlet referenza ghad-decizjoni minn dan it-Tribunal fil-kaz nru 1225 moghti fil-21 ta` Jannar tas-sena 2000. Pero f`dan il-kas il-fatti spece tal-kas kienu totalment differenti minn dak quddiem it-Tribunal fil-kas odjern. It-Tribunal jaghmel riferenza ghal decizjoni tieghu stess fil-kas nru 829 moghti fil-5 ta` Mejju tas-sena 1995 fl-ismijiet Claire Demanuele vs Grech & Co Ltd fejn f`dak il-kas il-pozizzjoni kienet inversa fis-sens illi kienet l-impjegata li taghti n-notice lill-principal taghha. Il-principal taghha accetta l-istess notice bhala terminazzjoni ta` l-impjieg u l-ex impjegata kellha ripensament u riedet tirritorna lura ghax-xoghol u il-principal taghha naqas li jaccettaha lura.

Il-kaz odjern huwa invers. Pero il-fatti speci bhala konsegwenza huma l-istess. Jigi ribatit illi anki a tenur ta` decizjonijiet precedenti minn dan it-Tribunal, gie kontinwament soffermat illi il-kuntratt ta` xoghol bejn principal u l-impjegat tieghu huwa wiehed sagrosat billi l-impjegat irid jibza ghall-impjieg tieghu li qed jaghtih l-ghixien ta` kuljum u il-principal irid jara li jiprovdi ambjent tajjeb sabiex l-impjegati tieghu ikunu jistghu jaqdu d-doveri taghhom tenut kont l-investiment tieghu. Ic-certezza fil-kundizzjonijiet u fit-tahditiet u fir-relazzjonijiet li jkun hemm bejn principal u impjegat ghandhom ikunu cari u limpidi biex ma jaghtux lok ta` interpretazzjoni ekwivoka u/jew li taghti l-lok ghal nuqqas ta` qbil kif gara fil-kaz odjern.

It-Tribunal jirrileva illi fil-kaz odjern dawn ic-cirkostanzi kienu wisq lampanti u ghalhekk kien ghalhekk illi taw lok ghal nuqqas ta` qbil rigward it-terminazzjoni ta` l-impjieg ta` l-istess appellanti minn mas-societa intimata.

Rimedju

Fil-kaz odjern l-appellanti qed titlob rimedju fis-sens li jigi akkordat liiha somma ta` flus in linea ta` danni bhala kumpens u ma talbitx li terga tigi integrata fl-impjieg li kellha. It-Tribunal wara li ra l-atti kollha tal-kaz u serjatament ukoll l-artiklu 81 (2) A bil-provizo hemm inkluz jakkorda lill-appellanti is-somma ta` elfejn lira (Lm2000) (€4800).

Konkluzjoni

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-vertenza billi jiddikjara illi is-societa intimata terminat l-impjieg mhux ghal raguni valida u kundanna lis-societa intimata li thallas lill-appellanti is-somma ta` elfejn lira (Lm2000) (€4800).

Relattivament ghall-Artiklu 79 (2) ta` l-istess Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali (Kapitlu 45 (2)) qed jiffissa s-somma ghad-drittijiet fis-somma ta` tletin lira maltija (Lm 30).

Avv Joseph P Bonnici

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju